**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Ġunju, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 496/2021**

***EXECUTIVE SECURITY SERVICES LIMITED***

***VS.***

***CAVENDISH HOTELS LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza parzjali dwar l-ewwel talba tal-kumpannija Executive Security Services Limited biex din il-kawża tiġi maqtugħa mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'**<u>rikors maħluf imressaq fil-25 ta' Mejju, 2021</u>**, il-kumpannija attriċi fissret li hija ntalbet tipprovdi servizzi ta' għassa mill-kumpannija mħarrka. Dawn is-servizzi li ġew mogħtija minnha kienu jiswew €43,334.37. Ittenni li l-kumpannija Cavendish Hotels Limited baqgħet ma ħallsithiex għal dawn is-servizzi u dan minkejja illi hija ntalbet biex twettaq dan il-ħlas f'għadd ta' drabi;

3. Għalhekk billi skont il-kumpannija attriċi s-somma ta' €43,334.37 hija dovuta u dwarha ma kien hemm qatt kontestazzjoni, hija talbet lil din il-Qorti biex:

> «*Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet tal-* ***Artikoli 167 sa 170*** *tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *Tiddikjara illi s-soċjetà intimata għandha tagħti lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta'* ***tlieta u erbgħin elf tlett mija u erbgħa u tletin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€43,334.37)*** *u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*
>
> *Tikkundanna lis-soċjetà ntimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta'* ***tlieta u erbghin elf tlett mija u erbgħa u tletin ewro u sebgħa ċenteżmu (43,334.37) u tawtorizza lill-istess soċjetà rikorrenti tisbanka kwalsiasi ċedola fl-istess ammont depositat fl-atti tal-mandati kawtelatorji u jbigħ bis-subasta kwalsiasi mobbli maqbuda fl-esekuzzjoni tal-mandati u bir-riserva għall-ħruġ ta' mandati esekuttivi għal-ħlas tad-debitu.***
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inlużi dawk tal-mandat ta' sekwestru, ta' dawn il-proċeduri u inkluż l-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess soċjetà intimata, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.*»

4. B'digriet mogħti fis-26 ta' Mejju, 2021, il-qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għall-21 ta' Ġunju, 2021. Sal-lum il-kumpannija Cavendish Hotels Limited kienet għadha mhux notifikata b'din il-kawża;

5. Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2021, il-qorti ġibdet l-attenzjoni tal-kumpannija attriċi dwar il-fatt li fir-rikors maħluf tagħha m'hemmx dikjarazzjoni skont l-**artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li tgħid li l-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq. L-avukat tal-kumpannija attriċi vverbalizza li din id-dikjarazzjoni tassew hija nieqsa fir-rikors maħluf, imma jgħid li fir-rikors maħluf hemm inmiżżel li t-talba attriċi qatt ma ġiet ikkontestata;

6. Wara li l-kumpannija attriċi għamlet is-sottomissjonijiet verbali tagħha dwar dina l-kwestjoni, il-kawża ġiet posposta għal aktar tard, sabiex dakinhar stess tingħata sentenza parzjali dwar ir-regolarità tal-proċediment sommarju mibdi mill-kumpannija attriċi;

***Fatti***

7. Stephen Ċiangura bħala rappreżentant tal-kumpannija Executive Security Services Limited stqarr fir-rikors maħluf li l-kumpannija Cavendish Hotels Limited hija midjuna mal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €43,334.37. Biex issostni dan il-jedd ta' kreditu tagħha, il-kumpannija attriċi hemżet mar-rikors maħluf tagħha, rendikont tal-kreditu u tan-numru tal-fatturi individwali li baqgħu ma tħallsux mill-kumpannija mħarrka;

***Konsiderazzjonijiet***

8. Kif ingħad is-sentenza tal-lum hija marbuta biss mal-ewwel talba;

9. M'hemmx għalfejn illi ngħidu li l-proċeduri sommarji (aktar magħrufa bħala l-proċeduri bil-giljottina), imsemmijin fl-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu

mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawża;

10. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-Qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005, «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

11. Tassew il-proċedura tal-giljottina mfittxija mill-kumpannija attriċi titfa' piż mhux żgħir fuq il-qorti, illi fil-kondotta tal-kawża timxi b'ċertu għaqal biex ma tgħarraqx bla bżonn il-jeddijiet tad-difiża tal-konvenut u tintilef opportunità sħiħa biex dan jiddefendi ruħu (ara ***Valletta Aluminium and Wrought Iron Works Ltd v. Carmen Grech***, Appell Superjuri tat-8 ta' Mejju, 2001 u ***La Rosa (Marbles) Ltd v. Marvin Vella***, Appell Superjuri tat-23 ta' April, 1999);

12. Wara kollox, il-liġi tal-proċedura diġà hawn qiegħda tpoġġi lill-konvenut f'qagħda ta' żvantaġġ billi ma ttihx jedd awtomatiku illi jwieġeb għall-kawża li tressqet kontrih, u saħanistra titlob minnu li jkun preżenti fiżikament fil-jum tas-smigħ biex jipprova jikkonvinċi lill-qorti illi huwa għandu mad-daqqa t'għajn eċċezzjonijiet siewja xi jressaq. F'tali ċirkostanzi, il-Qorti trid toqgħod attenta li ma tmurx lil hemm minn dak li tgħid il-liġi u ġġib lill-konvenut aktar minn taħt milli hu;

13. Huwa sewwasew għalhekk, li ngħad għadd ta' drabi li l-artikoli marbuta mal-proċess sommarju għandhom jiġu meqjusa b'ċertu reqqa, tant li ġie mtenni li dawn għandhom jiġu mħarsa *ad unguem*. Hekk pereżempju ġie mill-Qorti tal-Appell osservat fis-sentenza, ***Charles Bonnici nomine v. Anna Farrugia*** mogħtija fit-2 ta' Frar, 1999, illi:

*«trattandosi ta' proċeduri speċjali hija l-fehma tal-Qorti li jew għandhom jiġu osservati strettament u ad unguem l-artikoli relattivi tal-proċedura surreferita jew inkella, f'każ ta' nuqqas jew varjazzjoni minnha, għandhom allura japplikaw dawk ir-regoli normali li solitament jiġu mħaddma f'każ li kawża tkun ser tiġi kkuntestata»;*

14. Il-mistoqsija issa hija: min jista' jqajjem argumenti kontra s-siwi u r-regolarità tal-proċedura sommarja adottata mill-attur?;

15. Bla dubju ta' xejn, kwestjonijiet li jolqtu r-regolarità tal-proċedura sommarja jistgħu jitqajmu żgur mill-parti konvenuta. Il-liġi stess tgħid fl-**artikolu 170(1)** li l-konvenut jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu biex jattakka l-proċedimenti magħmula mill-attur bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, permezz ta' nota li trid tiġi preżentata fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza (ara wkoll ***Carmel Cortis vs. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015);

16. Jekk issir nota li l-proċedura mressqa mill-attur «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*» u din tiġi milqugħa mill-Qorti, allura m'hemmx għalfejn li dik il-qorti tidħol fil-kwestjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu, għax f'dak il-każ il-qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif provdut fl-**artikolu 170(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Wings Couriers Ltd v. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2014);

17. Fil-każ tagħna l-kumpannija konvenuta għadha sa issa ma ressqet l-ebda nota bħal din biex tikkontesta s-siwi tal-proċedura sommarja. Ta' min jgħid iżda, li sal-lum, il-kumpannija konvenuta għadha ma ġietx notifikata bil-kawża u għalhekk teknikament hija għadha biċ-ċans li tressaq din in-nota;

18. Lura però għall-mistoqsija ta’ paragrafu 14: hemm ħaddieħor barra l-konvenut, li jista’ jikkontesta r-regolarità tal-proċedura sommarja?. Fil-fehma ta’ din il-qorti t-tweġiba għandha tkun iva;

19. Skont il-ġurisprudenza fuq imsemmija l-proċedura tal-giljottina hija waħda eċċezzjonali ħafna u xogħol il-qorti huwa li tara li r-regoli mniżżla fl-**artikoli 167** sa **170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** għandhom jiġu mħarsa *ad unguem*. Ifisser dan, li qabel qorti tissokta bid-dispensa tas-smigħ hija trid tkun konvinta li r-rikors imressaq mill-attur ikun iħares il-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-liġi biex il-kawża tkun tista’ tinqata’ skont il-proċedura sommarja;

20. Il-qorti m’għandhiex tiddejjaq jew toqgħod lura milli tiċħad talba biex jinżammu proċeduri sommarji, jekk hija tintebaħ li r-rikors imressaq mill-attur ma jkunx joqgħod għalkollox ma’ dak li titlob il-liġi. Anzi huwa dmir il-qorti li twarrab il-proċedura sommarja u tordna li kawża tieħu l-kors ordinarju tagħha, jekk hija issib xi nuqqas ta’ ħtieġa proċedurali mandatorja fir-rikors, li permezz tiegħu qed jintalab id-dispensa tas-smigħ. Dan il-prinċipju għandu jgħodd, sew jekk dawn l-irregolaritajiet jitqajmu mill-konvenut u sew jekk ma jitqajmux minnu. Il-jedd tal-udjenza u tal-kontestazzjoni m’għandhomx jitwarrbu kif ġieb u laħaq iżda għandhom jiġu dispensati biss, kull fejn ikun hemm iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kollha msemmija fil-liġi;

21. Huwa minnu li f’dan il-każ, il-kumpannija konvenuta għadha ma ġietx notifikata bir-rikors maħluf imressaq mill-kumpannija attriċi, madankollu ladarba l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ, il-qorti ma tara xejn ħażin li hija tistħarreġ jekk mill-aspett proċedurali r-rikors maħluf sarx kif irid l-**artikolu 167 tal-Kap 12 ta’ Liġijiet ta’ Malta**. Wara kollox, ma jagħmilx sens li l-qorti toqgħod ittawwal aktar fuq il-kwestjoni dwar ir-regolarità tal-proċeduri sommarji, jekk fl-ewwel dehra tal-kawża hija tinduna li l-proċedura sommarja ma saritx kif imiss. Ikun ħela ta’ żmien għall-partijiet u għall-qorti stess, li toqgħod tistenna li tiġi notifikata l-

kumpannija konvenuta biex imbagħad xorta waħda tiddikjara li l-kawża għandha tieħu l-kors ordinarju tagħha minħabba nuqqasijiet proċedurali;

22. Meqjus dan kollu, il-qorti mingħajr wisq tidwir fil-kliem, tosserva li l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi biex il-kawża tinqata' sommarjament mingħajr smigħ, ma tistax tintlaqa'. Dan qed jingħad għaliex il-kumpannija attriċi naqset milli tagħmel dikjarazzjoni skont l-**artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, fejn tgħid li safejn taf hi, il-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet tagħha;

23. Id-dikjarazzjoni maħlufa, li l-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet, hija ħtieġa mandatorja, li l-liġi trid li tiġi mħarsa, biex kawża tinstema' bil-proċediment sommarju. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Giuseppe Carabott et v. Stefania Carabott*** deċiża fis-27 ta' Novembru, 2009 għafset sew fuq il-ħtieġa ta' din id-dikjarazzjoni. Fiha ngħad hekk

> *«Li trid il-liġi hu li l-attur jistqarr bil-ġurament li l-parti l-oħra m'għandhiex difiża, li hi differenti milli tgħid li d-difiża tal-parti l-oħra, fil-fehma tal-attur, hija insostenibbli. Kull min jiftaħ kawża jaħseb li għandu raġun u li l-argumenti tal-parti l-oħra huma bla bażi, imma dan ma jfissirx li, bħala fatt, il-parti l-oħra ma jkollhiex difiża. Li jrid jiġi dikjarat mhux li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma, fil-fehma tal-attur, bla bażi, iżda li l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet li prima facie jimmeritaw trattazzjoni;*
>
> *Hu prinċipju ta' dritt naturali li ġudikant ma jiddeċidix fuq kwistjoni bejn tnejn min-nies qabel ma jisma' liż-żewġ naħat u l-provi li jridu jressqu. Qabel ma jasal li jiċħad is-smiegħ tal-provi, il-ġudikant irid ikun ċert li, għat-talba ta' wieħed, l-ieħor lanqas biss għandu, kif igħidu l-Ingliżi, «a leg to stand on». Fuq dan mhux biss il-Qorti trid tkun sodisfatta, iżda l-attur irid, bil-ġurament tiegħu, jistqarr li anke hu*

*ma jafx li l-parti l-oħra għandha xi forma ta' difiża. Din id-dikjarazzjoni tant hi importanti, li ġie deċiż li jekk l-attur, waqt li jinqeda b'din il-proċedura, ikun jaf li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet x'jagħti, allura l-użu ta' din il-proċedura jkun abbużiv (ara* ***Fenech v. Camenzuli****, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru, 1985);*

*Din id-dikjarazzjoni hi meħtieġa mhux bħala formalità, iżda biex il-Qorti tkun ċerta li min qed jinqeda b'din il-proċedura speċjali, jaf hu wkoll li eżitu favorevoli tat-talba tiegħu hija «a foregone conclusion»; jekk il-Qorti wara li tisma' x'għandu xi jgħid il-konvenut, tasal hi wkoll għal din il-konklużjoni, allura tista' tiddeċiedi l-kawża minnufih. Iżda, jekk l-attur stess m'għandux dan il-konvinċiment morali, allura lanqas il-Qorti ma tista' tibqa' għaddejja u tagħti sentenza mingħajr ma tagħti ċans lill-konvenut iressaq il-każ tiegħu kif imiss.»*

24. Raġunament aktar ċar minn hekk, dwar il-ħtieġa formali tad-dikjarazzjoni, ftit jista' jkun hemm;

25. Lura għall-każ tagħna, il-kumpannija attriċi ma poġġiet fl-atti ta' din il-kawża l-ebda dikjarazzjoni maħlufa fejn qalet, li safejn taf hi, il-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti. Dan huwa dnub kbir għall-għanijiet tal-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jxekkel u jżomm il-proċediment sommarju milli jkun jista' jitkompla;

26. Huwa minnu dak li ġie vverbalizzat mill-avukat fis-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2021, li l-kumpannija attriċi qalet fil-ħames paragrafu tar-rikors maħluf tagħha, li dwar il-ħlas mitlub minnha ma kien hemm ebda kontestazzjoni min-naħa tal-kumpannija konvenuta. Din l-istqarrija però ma tiswiex, f'għajnejn din il-qorti, daqs dikjarazzjoni li ma hemmx eċċezzjonijiet x'jingħataw;

27. L-espressjoni «*qatt ma kien hemm kontestazzjoni*», użata fir-rikors maħluf tfisser biss li l-kumpannija konvenuta baqgħet passiva u ma għamlet xejn. Madankollu, skiet min-naħa ta' parti konvenuta, la tfisser ammissjoni u lanqas ma tfisser nuqqas ta' difiża;

28. Wara kollox, jekk kif kif ingħad fis-sentenza ***Billboard Advertising Limited v. Stefan Vassallo***, maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 2015, id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur li ma hemmx eċċezzjonijiet x'jingħataw, ma tiswiex jekk l-attur kien jaf minn qabel li fil-verità hemm eċċezzjonijiet x'jitressqu, anke jekk dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jirriżultaw li ma jkunux tajba jew mistħoqqa, kemm aktar ma tiswiex dikjarazzjoni bħal dik mogħtija fir-rikors maħluf tal-lum, fejn il-kumpannija attriċi ma tgħidx li l-konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq, imma tgħid biss li dwar l-ammont mitlub ma kien hemm qatt kontestazzjoni;

29. Imbilli sallum il-kumpannija konvenuta setgħet ma kkontestatx it-talbiet tal-kumpannija attriċi, dan ma jfissirx bilfors li l-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħmel;

30. Il-liġi hija ċara ħafna dwar x'tip ta' dikjarazzjoni trid tingħata mill-attur biex huwa jkun jista' jmexxi bil-proċediment sommarju. Hi x'inhi r-raġuni, f'dan il-każ, din id-dikjarazzjoni speċifika ma saritx min-naħa tal-kumpannija attriċi u għalhekk hija ġiet li ċaħdet lilha nfisha milli tinqeda bil-proċediment sommarju;

31. Fil-fehma tal-qorti, in-nuqqas ta' dikjarazzjoni bħal dik imsemmija fl-**artikolu 167(1)** hija għalhekk fatali biex tista' tintlaqa' l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi, biex din il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad l-ewwel talba</u>** tal-kumpannija attriċi biex taqta' din il-kawża mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u tordna minflok li din il-kawża titmexxa bil-mod ordinarju;

Għal dan il-għan il-Qorti qiegħda tordna lill-kumpannija attriċi biex tinnotifika lill-kumpannija konvenuta bl-atti tar-rikors maħluf, b'kull lista li hemm mehmuż mar-rikors maħluf u b'din is-sentenza mogħtija llum;

Il-kumpannija konvenuta qiegħda tingħata żmien ta' għoxrin (20) jum minn meta tirċievi l-atti kollha tar-rikors maħluf, biex jekk trid tressaq risposta maħlufa jew nota ta' ammissjoni skont l-**artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Il-kawża qiegħda titħalla għall-kontinwazzjoni għal nhar **<u>il-Ħamis, 23 ta' Settembru, 2021 u tissejjaħ fid-9.00am</u>**;

L-ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza huma mħollija għas-sentenza finali.

---

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**